IT-TIENI KTIEB GUNJU
TAT-TLIETA U GHOXRIN SENA 1947.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

EDITORJAL—L-Istudju tal-Filoloġija Faċċ. 33
ĠER. AZZOPARDI—Il-Quċċija ,, 35
DUN KARM—*Lit-Tabib Kav. Ġużè Galea, President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u awtur ta' ħafna kitbiet ta' sura patrijottika* ,, 36
PATRI V. BARBARA, O.P.—*Ġetsemani* ,, 37
*Ix-Xewk* ,, 37
ERIN SERRACINO-INGLOTT—Kommenti fuq Dizzjunarju Malti ,, 38
MARY MEYLAK—*Lampa se tintefa* ,, 46
M. AGIUS—*X'nobgħod* ,, 47
A. CREMONA—Fuq l-Etimoloġija tal-kelma "Qarweż" ,, 48
ĠUŻE' GATT—L-Istampa f'Malta ,, 52
VINCENT CARUANA—*Tfajjel Sajjied* ,, 56
DUN PAWL—Il-Laqgħa ta' Dun Abbondju mal-Bravi ,, 57
Reċensjonijiet ,, 60

// IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — ĠUNJU 1947

# *L-ISTUDJU TAL-FILOLOĠIJA*

*IL-FILOLOĠIJA l-lum ingħażlet bħala xjenza u l-istudju tagħha qegħdin jindaħlu għalih għorrief u mgħallmin imsemmijin u magħrufin fl-aqwa ċentri kulturali.*

*Dari wieħed kien jistudja u jaqra fuq il-filoloġija bil-fehma li jkattar il-għerf grammatikali u għalhekk il-filoloġija aktarx kien ikollha sehem indaqs bħal etimoloġija, sintassi u prosodija u l-erba' flimkien kienu jaqdu ta' taraġ biex wieħed jogħla fl-istudju tal-grammatika. Iżda l-lum il-għorrief għarfu li l-filoloġija hi l-muftieħ ta' tagħlim siewi li jitfa' dawl qawwi fuq il-ħajja, il-għerf u d-drawwiet ta' ġnus qodma li minnhom tnisslu n-nies li jitkellmu l-ilsien li wieħed jixtieq jitgħallem.*

*Il-filoloġija flimkien mal-friegħi l-oħra tax-xjenza, l-etnoloġija u l-arkeoloġija, jiswew biex ixerrdu tagħrif kbir fuq in-nisel u t-tiswir tal-popli u hekk jikxfu l-għata li jaħbi l-qedem fl-istorja; barra dan, igħinu wkoll biex juru l-effett li ħallew fuq il-popli tal-lum, in-nies li ħakmu u saltnu qabel. Din il-fehma kellu l-Kanonku Fortunato Ponzavecchia, meta, mitt sena ilu, fil-"Grammatica della Lingua Maltese" kiteb :* "la lingua... è a riguardo della filologia quel che è l'Isola, in cui lo stesso idioma si parla, in rispetto alla posizione geografica, cioè dell'Oriente e dell'Occidente, l'anello di lega, il centro, ed il punto di contatto e di transazione."

*Mela l-filoloġija tiswielna biex nikxfu l-egħruq u x-xniexel ta' l-ilsna u hekk barra li nkattru l-għerf tagħna fuq in-nisel tal-kelma inkunu nistgħu ngħożżu aktar id-don li Alla tana biex ninqdew ħalli nfissru l-ħsibijiet ta' moħħna u t-tqanqil ta' qalbna.*

*Fuq kollox il-filoloġija ta' l-ilsien hi waħda mis-sisien li fuqhom tinbena l-letteratura nazzjonali, għax ix-xogħlijiet letterarji kbar jintaġru u jintroqmu mhux ftit bil-għajnuna li jagħtu l-għorrief fl-istudji filoloġiċi tagħhom.*

*Dawn l-istudji filoloġiċi għal-letteratura qishom l-istudju tal-kuntrapont għall-mużika: bħalma l-kuntrapont jiswa biex*

*iqejjes u jgħallem kif jinbnew u jintrabtu u jiżżewqu n-noti mużikali, hekk l-istudju tal-filoloġija jaqdi ta' xempju biex fuqu jingħażel il-kliem tajjeb u xieraq ħalli jfisser sewwa l-fehma jew ir-rieda ta' min jikteb jew jitkellem.*

*Għalhekk qabel ma jkun hemm studju għaqli u meqjus fuq il-filoloġija tal-kliem, ma tistax tissawwar letteratura ta' ġmiel b'mezz ta' dak il-kliem.*

*Hawn Malta l-ħtieġa ta' dan l-istudju tan-nisel ta' lsienna, ilha li nħasset mijiet ta' snin; bdiet fis-seklu tmintax, meta l-Kanonku Ġan Pietru Franġisku Agius De Soldanis fil-ktieb tiegħu* (1) *qal* : "...essendo pochi coloro, i quali ne abbiano datu un qualche barlume ne' loro scritti, sufficiente ad appagare, non che la piena intelligenza della sua derivazione, donde ha tutti i suoi principii."

*Wara Agius De Soldanis dik il-ħtieġa baqgħet tinħass sa żmienna, iżda tneħħi xi erba' li dan l-aħħar intefgħu għal dan ix-xogħol skond kif titlob is-sengħa, il-biċċa l-kbira ta' dawk li ħabblu moħħhom fuq din ix-xjenza ma kellhomx it-tagħlim u t-tagħrif meħtieġ biex jidħlu għal dan ix-xogħol ta' reqqa u hekk dan is-suġġett ma kienx* "treated with the scientific fairness it deserves..." *kif kiteb sewwa l-Professur J. Aquilina* (2).

*Hekk ġara li għalkemm għandna bosta kotba dwar studji filoloġiċi ta' l-ilsien Malti, ftit huma x-xogħlijiet li wieħed jista' jorbot fuqhom. Il-Professur Aquilina, il-Professur Saydon, l-Avukat Ġ. Micallef, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Erin Serracino Inglott, kollha Membri Akkademiċi tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", kitbu fuq dan is-suġġett bil-għaqal u skond ma titlob ix-xjenza tal-lum u x-xogħlijiet tagħhom ma jagħmlux għajb lill-opri ta' awturi magħrufin mad-dinja kollha.*

*"Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li dejjem fittxet il-ġid u s-sedqa ta' l-ilsien tagħna, qatt ma baqgħet lura li ma wrietx ħrara kbira biex tħeġġeġ u tagħmel il-qalb lil min jitħajjar jintafa' għal dan l-istudju ta' din ix-xjenza tant meħtieġa għall-iżvilupp tal-lsien Malti u b'din il-fehma f'dan il-għadd ta' l-organu tagħha qiegħda tippubblika kontribuzzjonijiet fuq studji filoloġiċi u etimoloġiċi.*

---

(1) "*Della Lingua Punica...*" Roma, MDCCL.
(2) Prof. J. Aquilina—"*Race and Language in Malta*" 1945, paġ. 3.

*Ix-xewqa tagħna hi li nagħmlu l-ħila lil min jixtieq u jitħajjar jintafa' għall-istudji xjentifiċi tal-Malti, għax dawn jinħtieġu biex iqiegħdu fuq sisien aktar sħaħ il-bini tal-letteratura tiegħu. Għax fuq kollox jeħtieġ nifhmuha li min jistudja l-filoloġija jew l-etimoloġija jagħmel ġieh u ġid lil-letteratura nazzjonali daqs min jikteb poeżija.*

---

## IL-QUĊĊIJA

*Ta'* ĠER. AZZOPARDI

It-twelid huwa ħaġa għażiża għalina l-bnedmin il-għaliex hu l-bidu ta' ħajjitna, għalhekk min b'mod u min b'ieħor jiftakar ta' kull sena f'għeluq sninu.

Naħseb li ma nkun qed ingħid xejn ħażin meta ngħid li l-Ingliżi huma l-iżjed nies li jieħdu ħsieb il-*Birth Day* tagħhom. Ewlieni f'din il-festa familjari jkun il-*Birth Day Cake* b'għadd ta' xemgħat imdeffsin fih daqs il-għadd tas-snin ta' l-individwu, li għalih ikun qiegħed isir dan il-għeliem ta' ferħ, u li dan jitfi fost iċ-ċapċip u ċ-ċekċik tat-tazzi.

Did-drawwa daħlet ġmielha fostna l-Maltin, iżda aħna l-Maltin għandna waħda li nistgħu ngħidu li hi tagħna waħedna. Din hija msejħa l-*Quċċija* u ssir darba biss — meta t-tarbija jkollha sena.

Il-ġenituri jhejju fuq mejda xi ktieb, lapes jew pinna, kuruna, bajda, xi munita, imqass u ħwejjeġ oħra. L-omm tressaq littarbija fejn tilħaqhom u dawk kollha li jkunu hemm, aktarx xi qraba u ħbieb, jaraw x'jaqbdu u jżommu dawk l-idejn ċkejkna u ħelwin.

Jekk it-tarbija taqbad il-ktieb jew il-pinna, it-tifel jew tifla jkun studjuż; jekk il-kuruna jsir reliġjuż, qassis, patri jew soru; jekk jaqbad il-bajda jfisser li daru tkun mimlija daqs bajda, jiġifieri jkun għaqli; jekk il-munita ssaħħru jkun aktarx iħobb il-flus ftit iżżejjed jew jagħtiha għan-negozju; l-imqass ifisser ħjata, u allura t-tifla tkun moġbra tad-dar.

B'dan, ix-xjuħ tagħna kienu donnhom iridu jobsru x'sa jsir mit-tarbija, u nifhem li kienu jinqdew biha biex jekk jaraw fit-tarbija xi ġibda mhix għaqlija huma mill-ewwel iżommu r-riedni billi kienu jemmnu wisq li l-jum minn filgħodu juri xinhu.

# LIT-TABIB KAV. ĠUŻÈ GALEA, PRESIDENT TAL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI" U AWTUR TA' ĦAFNA KITBIET TA' SURA PATRIJOTTIKA

## SUNETT

*Ta'* Dun Karm

Hawn min jiġġerra ma' l-għoljiet xemxija
Ta' Elikona qalb il-ward u l-ħdura,
U, mgħaxxaq b'dik il-Għanja tan-Natura,
Minn qalbu jsawwab l-oħla poeżija.

Hemm ukoll min iħobb satra dellija,
U, miġbur fih innifsu, jarġa' lura
Fuq il-ġrajja ta' ġensu u jifli s-sura
Tagħhom bid-dehen tal-filosofija.

Inti, Raġel bil-Għaqal, għarrext sewwa
Fil-qalb u l-ħsieb ta' ġensna u rajt sedqithom
Ħelwa mal-Ħbieb u ħarxa mal-Għedewwa;

Għallimtna li Għerf wieħed qatt ma falla:
Imutu l-Ħżiena u magħhom tgħib kburithom,
Jirbaħ iċ-Ċkejkèn għaliex jitma f'Alla.

3. 9. 46.

*Il-poeta nazzjonali tagħna, Mons. Dun Karm Psaila D.Litt, b'dik il-ħlewwa li dejjem għoġbu juri lejna, ried jagħmlilna ġieħ kbir billi jiktbilna dan is-sunett li aħna qegħdin inġibu hawn mhux bħala foħrija tagħna nnifisna, iżda biex din il-biċċa xogħol ta' l-aqwa poeta Malti ma tibqax moħbija u hekk il-qarrejja jkunu mċaħħdin mill-ħlewwa tagħha.* — Id-Direttur.

MIS-SUNETTI TAR-RUŻARJU TA' PATRI V. BARBARA, O.P.

## ĠETSEMANI

Hemda fil-ġnien. Mill-għoli jarmi dija
Fiddiena l-qamar mimli. B'wiċċ safrani,
Għajnejh merfugħa 'l fuq, b'ħarsa mbikkija,
Bin Alla jitlob lill-Missier setgħani.

Beżgħan, minn ġbinu l-għaraq ħiereġ dmija
Għad-dehra tal-quddiem u tal-warrani;
Waħdu, ma' l-art, insieh min tah foħrija
B'għajat t'Hosanna, u xejjer rand ħadrani.

Talab, imma kien jaf li ġiet is-siegħa
Tad-dlamijiet, u ntelaq Hu f'idejhom,
Għax kien mibgħut fid-dinja biex jifdieha.

Mill-bogħ'd ġejjin l-egħdewwa ta' Ġesù
Bid-dwal fuq rashom, resqu, ħarsu lejhom.
Mixħutin fl-art għall-kelma biss—Jien hu!

---

## IX-XEWK

Qalilkom—Jien Sultan—, u dlonk tbissima
Ta' għira, ta' ħżunija u ta' mibegħda
Ċarrtet xofftejkom, u b'għeliem ta' qima
Li mill-imħabba kienet wisq imbiegħda,

Kellieltu f'rasu x-xewk, iżda b'tislima
Li fuq xofftejkom ġiet, bla tafu, mqiegħda,
Lilu b'Sultan għaraftu... u Hu tilwima
Ma semma' qatt għal dat-tmaqdir bla heda.

Boloh u mġienen! Mhix is-saltna tiegħu
Saltna li tgħaddi fuq ġwenħajn ir-riħ,
Għaddew iż-żmenijiet, 'mma qawwet driegħu

Għadha żagħżugħa u tibqa', u jibqa' Kristu
Isaltan waħdu fuq il-qlub, fl-erwieħ,
Għalkemm lil das-Sultan bix-xewk libbistu!

# Kommenti fuq Dizzjunarju Malti

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

FTIT hawn min ma jafx il-lum, billi ħabbartu wkoll fl-aħħar ktieb li ħriġt, li għandi f'idejja xogħol tabilħaqq kbir, fid-daqs u fis-siwi, li ili naħdem fih iżjed minn sitt snin, u li semmejt "Il-Miklem Malti", għax qed niġbor fih il-kliem malti kollu mill-eqdem sa l-iġded, bin-nisel u t-tifsir kollu li jaħtieġ. Ħaġa ġdida fiha nfisha din, għax ma jidhirlix li hawn s'issa ebda xogħol ta' dil-għamla, jiġifieri vokabolarju etimoloġiku mill-Malti għall-Malti; u biċċa xogħol kbira għax jekk hemm fuqiex nara hemm ukoll il-ġdid x'jingħad; u kollox irid iż-żmien. Min jifhem jagħdirni meta ngħid li dan m'hux xogħol li jitfattar f'radda ta' salib.

Waqt il-ħidma tiegħi fuq dal-"Miklem" iltqajt ma' ġrajja ta' ktieb li ma jaqbilx li tibqa' sejra mar-riħ, u rrid ingħidha bla ma noqgħod nistenna għal meta joħroġ il-ktieb tiegħi.

L-ewwel dizzjunarju tal-Malti li nkiteb u għadu jeżisti hu dak tal-Kanonku Gian Pier Francesco Agius de Soldanis: "Damma tal-Kliem Kartaġinis fuq Fomm il-Maltin u l-Għawdxin", mill-Malti għal-Latin u t-Taljan, miktub mitejn sena ilu (Bibl. MSS. Nru. 143). Bil-għajnuna tiegħu, xi ħamsin sena wara, Mikiel Anton Vassalli ħareġ il-"Lexicon" tiegħu, imsejjaħ: "Ktieb il-Kliem Malti". Iżda b'għerfu kollu, Vassalli ma għarafx iħalli l-partit fil-ġenb, u ħa minn De Soldanis dak li deherlu biss. Kieku ma naqqiex iż-żejjed, dawk li kitbu wrajh u fuqu kienu jħallu xogħlijiet iżjed mirquma u ta' fejda, iżjed sħaħ u kompluti; u, ibda minni, kont nitħabat wisq inqas milli qed nitħabat biex nibni kif irrid miklem malti li ma jkun jonqsu xejn, jekk jista' jkun!

M'jiniex ingħid min-"Necessario Supplemento al Vocabolario Maltese Italiano del Chierico Michele Antonio Vassallo stampato in Roma" li l-Konti Saverio Marchese kien kiteb fi żmien l-imblokk tal-Belt mill-Franċiżi, u li jinsab ukoll mal-manuskritti l-Bibljoteka; kif lanqas ma rrid ingħid mid-"Dizionario Portatile" ta' Francesco Vella, li ħareġ ftit wara f'Livorno. It-tnejn huma xogħlijiet ta' ħtieġa żgħira u ta' siwi iżgħar.

L-aqwa xogħol li nkiteb fuq il-"Lexicon" ta' Vassalli u li għamel isem kien dak ta' Ġanpatist Falzon, wieħed bejjiegħ id-drappijiet l-Isla (kif sirt naf) li ma kienx, b'danakollu, nieqes mill-iskola, u li għaraf, bis-sabar kollu, "nei ritagli di tempo" ta' xogħlu fil-ħanut tiegħu, jimmodernizza għal żmienu l-ortografija ta' Vassalli (li ma kinitx, kif ma setgħetx, tingħoġob, bħalma għad nuri fil-Miklem tiegħi) u jagħti l-Ingliż (flok il-Latin ta' Vassalli) f'edizzjoni li nistgħu nsejħulha *verbatim* tal-"Lexicon", bla ma jgħid mnejn ħa kulma ta.

Il-ktieb ta' Falzon : "Dizionario Maltese Italiano Inglese", li ħareġ mitt sena ilu mit-tipografija Weiss, il-Belt, kellu tliet dnubiet inqas mil-"Lexicon" : (a) ma kienx fih il-kliem volgari li Vassalli deherlu li kellu jagħti; (b) ma kienx fih dawk il-ħafna osservazzjonijiet interessanti imma dejjem partitarji li Vassalli għoġbu jżid taħt xi kelmiet; (ċ) ma kienx fih l-alfabett imħallat b'ittri grieġi u għarab li kien ta Vassalli. Imma wiret minnu d-dnub oriġinali : dak li ma tax il-kliem Malti kollu kif kien taħ De Soldanis fil-manuskritt tiegħu. Jiġifieri Falzon, forsi wkoll bla ma ried, wettaq u ġedded, bil-ktieb tiegħu, il-fehma qarrieqa ta' Vassalli li l-Malti biex ikun tajjeb irid ikun safi safi! Il-ftit kliem ta' nisel neo-latin li daħħal żejjed fil-ktieb tiegħu Falzon ma satax jagħmel ħaqq mill-ilsien li nafu li kienu jitkellmu l-Maltin mitt sena ilu, u li, minn De Soldanis, nafu li kienu jitkellmuh ukoll mitejn sena ilu u iżjed.

Id-"Dizionario" ta' Falzon kellu wkoll id-dnub li ta kelma b'kelma t-Taljan antikwat li kien inqeda bih Vassalli, u li min jaqrah il-lum ikollu sikwit jitbissem; fil-waqt li l-Ingliż tiegħu hu kelma b'kelma kif jagħtih l-"Italian Dictionary" tal-Baretti, u għalhekk xi ftit antikwat ukoll. Minn hawn naraw għala l-Barbera, fid-"Dizionario Maltese Arabo Italiano" (Imprimerie Catholique, Beyrouth, Liban, 1939), inaqdar it-Taljan ta' Falzon; u minn hawn naraw ukoll għala Ċensu Busuttil fid-"Dizzjunarju Malti-Ingliż" tiegħu (Malta, 1900; 2ni edizzjoni 1932), kif bħalu ibnu Edgar fil-"Kalepin" (Malta, 1941), barra minn xi kliem Ingliż imqanżaħ, taw bosta u bosta ismijiet ta' tjur u xtieli b'tifsira ingliża li ma taqbilx mas-sewwa, kif għad nuri fil-"Miklem" tiegħi.

Lanqas meta fl-1882 ħarġet mill-istamperija, dak iż-żmien ġdida, ta' Giovanni Muscat it-tieni edizzjoni tad-"Dizionario" ta'

Falzon, mogħnija ftit iżjed minn qabel bi kliem neo-latin, ma ssewwew id-dnubiet ta' l-ewwel edizzjoni. U dan m'hux il-waqt li noqogħdu nsemmu l-għeltijiet ġodda ta' dit-tieni edizzjoni. għax il-ktieb li għandna x'naqsmu miegħu l-lum hu dak ta' l-ewwel edizzjoni tad-dizzjunarju ta' G. B. Falzon. Il quddiem, forsi mal-"Miklem" tiegħi, għad nagħti "Studju Kritiku tad-Dizzjunarji tal-Malti li ħarġu sal-lum", u hemm il-qarrejja jkunu jistgħu jieħdu tagħrif bir-reqqa fuq ix-xogħlijiet ta' De Soldanis, Vassalli, Azzopardi, Vella, Falzon, Caruana, Busuttil u wkoll fuq il-barranin li żiedu tagħhom.

Mill-ewwel edizzjoni tad-"Dizionario" ta' Falzon ġiet f'idejja dan l-aħħar kopja li kienet tal-Patri ġeżwita Manwel Magri, magħruf bħala l-aqwa folklorista tagħna u awtur tal-kotba "Ħrejjef Missirijietna" u "X'jgħid il-Malti jew Għerf bla Miktub", li kienu ħarġu mal-kotba tal-"Mogħdija taż-Żmien" mis-Sur Fons Marija Galea. Meta miet Patri Magri, dil-kopja tiegħu tal-ktieb ta' Falzon wiritha Patri Joseph Mejlak S.J., li għadu ħaj u mimli bil-għomor u qiegħed kappillan fil-knisja ta' Sarrija l-Furjana.

Kienet ħaġa minnha għal Patri Magri, li kien jaf il-Malti minn għanqudu, li jimla kemm jista' l-battal li kien fih id-dizzjunarju ta' Falzon; u għalhekk, fil-kopja tiegħu ta' dal-ktieb, kien żied bil-lapes fil-marġni bosta kliem ieħor, mhux kollu ta' nisel neo-latin, li Falzon (għax ma kienx sabu f'Vassalli) ma satax idaħħal fix-xogħol tiegħu, imma li xorta kien kliem Malti tassew (kif għad nuri fil-"Miklem"), bejn għax xi wħud minnhom ġbarthom jien minn fomm in-nies u bejn għax oħrajn kien taħom fil-manuskritt tiegħu De Soldanis imma kien għoġbu jħallihom barra minn tiegħu Vassalli, u għalhekk bħalu wkoll Falzon. In-noti ta' Patri Magri jwettqu fehemti li De Soldanis ma kienx għamel ħażin meta tahom fid-"Damma" tiegħu u li kien Vassalli li għamel ħażin li ħalliehom barra fil-"Lexicon". Kellu kemm kellu l-fehma dan ta' l-aħħar li jwarrab ix-xkiel fit-tiftix ta' nisel il-kliem, ma sata' qatt, isaffi kemm isaffi, juri lid-dinja li l-Malti sata' jgħix, bħala lsien, bil-għajnuna biss ta' kliem ġej minn nisel wieħed. Kull lingwa mitkellma tal-lum hi mħawra bi kliem li ġej minn għadd ta' ilsna oħra u l-Malti ma jistax ma jkunx bħal dawn jekk irid jibqa' lsien ħaj. Kull min jagħmel ħiltu biex iżomm il-Malti "safi" ikun qed jagħmel ħiltu biex iżidu fil-lista ta' l-ilsna mejta!

Għalhekk ma saru qatt popolari l-kittieba Maltin li, taħt l-influwenza ta' xogħol Vassalli, kitbu b'Malti ftit jew wisq safi, u ma tawx kas biżżejjed tal-Malti, inqas safi, imma iżjed fuq fomm in-nies, ta' De Soldanis li kien baqa' midmum iva imma miksi bit-trab u moqri mill-kwamel fuq waħda mill-ogħla xkafef tal-Bibljoteka tagħna! Biss meta wieħed jifli tajjeb xogħol il-qassis Għawdxi twajjeb jara kemm il-bosta kliem ewropew (taljan antik l-iżjed) li għadna ninqdew bih il-lum kien ġa jingħad bħala Malti ftit wara l-Assedju, u kemm l-għaref Żebbuġi, li kien qaleb protestant, kien iżjed ħsiebu fis-safa tal-kelma milli forsi f'safa ieħor, bi ħsara kbira jekk mhux għal ilsienna bħala lsien qadim, għalih bħala lsien ħaj li, għax ħaj, mexa maż-żmien fil-ġrajja ta' artna. Iżda, fis-sewwa, irrid naħseb li Vassalli kien iżjed medhi biex iwaqqa' t-teorija falza ta' De Soldanis u oħrajn ta' qablu li l-Malti kien nieżel mill-Puniku jew Feniċju, u jgħaqqdu kif kien jixraq mal-Għarbi fis-sehem ta' l-ilsna orjentali, milli biex iqis li lsien dil-gżira, minħabba ġrajjitha, kien biegħ u xtara, (kif kien għadu, u għadu s'issa, ibigħ u jixtri), jiġifieri naża' minn fuqu l-ħwejjeġ ta' l-Orjent u libes dawk ta' l-Ewropa mnejn kien wiret mar-Reliġjon Nisranija kultura ġdida. Dawk li Vassalli sejjaħ "*peregrina verba*", flok daħlu fil-Malti għal ftit żmien, rabbew l-egħruq u ħarġu frieghi ġodda fis-siġra xiħa tal-lsien Malti biex żiedu għanewh u sebbħuh.

Iżda biex inkompli l-ġrajja tal-kopja li kellu l-Patri Magri tad-"Dizionario" ta' Falzon, niġi għal sidha l-ġdid, Patri Mejlak. Dan ukoll hu studjuż ieħor ta' lsienna, u, kif qalli hu, għandu f'idejh (u ilu jaħdem fih sa mill-1913!) dizzjunarju tal-Malti fuq il-"card index system" b'xejra mhux etimoloġika imma idjomatika u toponomastika. Patri Mejlak ukoll kien żied, milli sata', xi noti bil-lapes fil-marġni tal-kopja ta' Magri tad-dizzjunarju ta' Falzon, li, kif igħid hu nnifsu fil-qoxra tal-ktieb, huma "aggiunte che son come retaggio che meco in Compagnia ho portato in memoria da Gozo ove la lingua maltese meglio si parla". Dawn in-noti wkoll iżidu jsaħħu l-fehma tiegħi fuq kemm kien ta' fejda xogħol De Soldanis u kemm dehen Vassalli kien tgħajjeb taħt iċ-ċpar tal-partit lingwistiku li kien nieżel bħal għamad fuq għajnejh.

Iżda l-ġrajja ta' dal-ktieb ixxurtjat ma tiqafx hawn.

Wara bosta ġiri fl-Ewropa u fl-Afrika tan-Nord, mnejn ġa-

bar bosta tilqit ta' ilsna, wieħed qassis sqalli, Don Giuseppe Barbera, ħabib tal-qalb tal-Provinċjal tal-Ġeżwiti ta' Bagheria, Patri Pennisi, li fiż-żmien kien Malta wkoll, wasal saflaħħar ftit qabel ma faqqgħet fuq id-dinja l-aħħar gwerra kbira li kellna, fl-art ta' Beyrouth fil-Liban (Sorija), u baqa' jgħammar hemm f'kunvent matul il-gwerra kollha. Fil-librerija kbira internazzjonali li hemm f'dak il-kunvent, il-Barbera sab għadd ġmielu ta' kotba fuq nisel l-ilsna orjentali, u magħhom ġew f'idejh ukoll xi żewġ kotba bil-Malti tas-Sur Fons Marija Galea li kienu ħadu magħhom hemm xi sorijiet Maltin. Dan il-qassis sqalli (li l-lum jinsab mill-ġdid f'pajjiżu fejn, kif igħidu, ħmar tajjeb jinbiegħ aħjar!) kien tgħallem il-Għarbi ġmielu (u nemmen li jafu iżjed minni għax, kif igħid, il-plajja għarbija ta' l-Afrika ħaratha kollha), u, kif ra dawk il-kotba Maltin, għoxa fuqhom u, billi ħassu qed jifhem (għax kien jaf il-Għarbi) ilsien ta' pajjiż li qatt ma żar, Malta, deherlu li sata' jikteb dizzjunarju tal-Malti, u jqabblu mal-Għarbi, dizzjunarju għalhekk komparattiv: Malti-Għarbi-Taljan.

Minnufih inqeda bil-ħbiberija ta' Patri Pennisi biex dan jiksiblu minn Malta xi xogħlijiet oħra ta' Maltin fuq il-lsien Malti, l-iżjed xi dizzjunarju. U ġietu tassew tajba li, fost il-kotba li bagħtulu minn hawn biex jinqeda bihom, ġie f'idejh ukoll il-ktieb ta' Falzon bin-noti ta' Patri Magri, li Patri Mejlak, ta' twajjeb li hu, silfu għal xi żmien.

Kien jiswa iżjed li kieku Patri Mejlak ma telaqx id-dizzjunarju li ken qed jagħmel hu u żamm għalih dak il-ktieb għażiż, għax il-Barbera li, minfuħ b'għerfu, malajr beda jmaqdar il-Malti u jgħoddu bħala ħaġa ta' xejn, fiż-żmien qasir ta' seba' xhur, ħarbex ktieb li, kif ħaseb, kien fih xogħol li Patri Mejlak (Malti, anzi Għawdxi, sa ruħu) għadu ma lestiex wara 33 sena ħidma bieżla u għaqlija.

Don Giuseppe Barbera f'dak iż-żmien qasir kiteb u stampa erba' volumi msejħa: "Dizionario Maltese-Arabo-Italiano, con una Grammatica comparata Arabo-Maltese". Ta wkoll, fl-ewwel volum, barra l-grammatika, xi "Cenni storici su Malta e sulle lingue semitiche" kif sar jafhom fuq fuq minn dak li laħaq qara.

M'hux biżżejjed li wieħed jaħseb kemm sata' għaffeġ u bagħtar barrani bħal Dun Barbera fil-kliem ta' lsien ta' art li qatt ma kien żar. Jaħtieġ li wieħed jaqbad f'idu xogħol dan l-

Isqalli u jaqra... jtiegħem xi waħda mill-pastizzati li ħarġu fit-turtiera bikrija tiegħu, u li ma rahiex bi kbira, wara r-rigal ta' ħamsin lira li kien bagħatlu Sir Harry Luke mill-kaxxa ta' Malta biex iqawwilu qalbu, ibigħhom (l-erba' kotba li mela) ħames liri ingliżi.

Ħallina li l-kelma "ħobża" jaqraha "trolża" (għad li jmissu ra li din ta' l-aħħar fid-dizzjunarju ta' Falzon ma tinsabx) jew li l-kelma "hecc" (għal "hekk") jaqraha "wiċċ"! Dawn huma rqaqat li bihom jiżegħdu l-elf u mitejn paġna li mela. Irrid ingħid l-iżjed għal xi tifsir tas-sew tad-daħk li juri kemm lanqas biss ħjiel ma laħaq għamel dan Barbera ta' xinhu tabilħaqq il-lsien Malti. Araw :

"*Għadu żgħir*" ifissirha "Il suo diavolo è ancora piccolo" u jrid ifiehem bit-tiġbid li bejn "għadu" (nemico) u "diavolo" il-Maltin ma jafux jagħżlu!

"*Andana*", li Patri Magri jaqleb sewwa bl-ingliż "a row" fit-tifsira ta' "ringiela, filliera", Barbera jagħtiha bit-taljan "Baruffa, rissa". U, għad li jgħid "voce presa dall'italiano Andana" ma jintebahx li fit-tifsira hemm qabża kbira tassew, kif jagħtiha hu!

"*Sejrin fl-art*", flok bħala frażi idjomatika jagħtiha, min jaf għaliex, bħala "voce toponomastika" jew isem ta' post!

Qal li tgħallem l-Ingliż imma milli jidher qajla jafu! Nissel il-kelma "*ċajt*" minn "to chat", u l-kelma "*iċċajta*", imbagħad, minn "to chatter", u dan l-Isqalli nesa, jew anqas jaf, li fl-Isqalli hemm il-verb "chiaitari" b'tifsir li hu ġmielu qarib tal-Malti. Il-kelma "*faraboj*" nissilha, ma nafx b'liema tiġbid, mill-Ingliż "farthing boy"! U nesa dat-Taljan li l-Petrocchi jagħti l-frażi : "fare a boia" li tfisser "tilgħab tal-bojja". Barra milli hemm ukoll il-kelma "forabuoi", kif tfisser il-għadma li aħna nsejħu "tal-faraboj".

Jekk nibqa' nsemmi ma nispiċċa qatt. Id-"dizzjunarju" tal-Barbera jinsab il-lum ukoll il-Bibljoteka tagħna, u min irid imur jidħak ftit jista' jmur jarah hemm.

Iżda mhux ta' min iħalli barra li dan Barbera deherlu li sata' jsejjaħ lill-kittieba tagħna bħal Preca u Caruana "certi maltesi di meschina e deficiente cultura... che portano ragioni del tutto puerili...". Lil Preca jgħoddu "fantastico e loquace", bi bniedem li "ha accozzate in ben 768 pagine tante inesattez-

ze, errori, fantasticherie e sciocchezze filologiche che fan rizzare i capelli anche al più ignorante di lingue semitiche" (p. 27). U dan qalu Barbera li fi-"Prefazione" tiegħu qal: (p. 17) "... è cosa prudente di ascoltare la buona parola di chi ne sa più di noi *e mai scendere alla platealità dell'insulto* o che so io".

U fuq id-"Dizionario" ta' Falzon mhux biss bena l-kitba tiegħu dan Barbera, għad li nesa jqis li dak ix-xogħol sar mitt sena ilu, imma saħansitra għajjar lill-poplu Malti kollu, billi għoxrin elf darba nqeda bil-kelmiet: "i buontemponi maltesi", "i poveri maltesi che non sanno che pesci pigliare", "i buoni maltesi che hanno dimenticato la loro lingua"!

U, oħroġ il-għaġeb, kulma qal bi tmaqdir u kuljunar, kollu, jekk tqis sewwa, issib li jixraq lilu, mill-"inesattezze" u l-"errori" sa "la platealità dell'insulto", mill-"buontempiżmu" ġej mill-għaġla ta' xogħlu sa "l'aver dimenticato la propria lingua". U jidhirli li ħlejt żmien wisq, minn tiegħi u minn ta' min qed jaqra, fuq dan Barbera!

F'idejn bniedem mimli bih innifsu bħal dan kellu jaqa' saflaħħar il-ktieb ta' Falzon bin-noti ta' Magri! Iżda, niżżuħajr 'l Alla, bit-tħabrik ta' sidha Patri Mejlak, dil-kopja għażiża reġgħet fostna. U għax qrajt fuqha minn ktieb Barbera nnifsu u xtaqt naraha, il-Kappillan ta' Sarrija silifhieli biex ninqeda b'dawk in-noti għall-"Miklem" tiegħi.

Xi nsib? Donnu l-ħsara ta' Barbera riedet tkun akbar! Kemm dam f'idejh dan il-ktieb il-qassis sqalli ħażżu kollu bil-għarbi fejn kull kelma, fil-marġni, bejn il-versi u fuq il-kliem ukoll! Jaħtieġ jingħad li jekk, fil-fehma tagħna, hu ħażin għall-Malti li tagħma bħal Vassalli u twarrab il-kliem neo-latin kollu u tarmih bħalkieku kien xi karfa, hekk ukoll hu ħażin li tagħma min-naħa l-oħra u tnissel kull kelma maltija mill-Għarbi... U Barbera wkoll kliem ċar ġej mit-Taljan ġebbdu kemm felaħ biex inisslu mill-Għarbi. Ma rridx noqgħod insemmi. Fejn jaħtieġ, dan kollu nurih fil-"Miklem" tiegħi.

Kif għedt, Barbera ħarbex il-ktieb kollu bi kliem għarbi kull fejn sab ftit wisa', u x'ħin ġie biex irodd il-kopja 'l ura lil sidha ried iħassar kulma kien ferkex... u mal-gomma, jaħasra! neħħa wkoll xi wħud min-noti li kien kiteb il-Patri Magri! Il-ħsara li għamel b'hekk ma jista' jsewwiha ħadd u b'xejn... Min jifhem jista' jgħid! Jien nista' ngħid biss li dak li kiteb Magri

hu ta' siwi kbir għal ilsienna, u sa fejn jiġi minni u mix-xogħol li qed nagħmel, m'hux sa jtir mar-riħ.

Kulħadd jista' jitqarraq fid-dinja. U l-għeltijiet li waqa' fihom Barbera, ħtija tal-għaġla u ta' li ma jifhimx biżżejjed fil-Malti, waqa' fihom ħaddieħor ukoll, u għandu mnejn sa naqa' f'xi ħaġa bħalhom jien ukoll fil-''Miklem'' tiegħi. Imma t-tferfix u s-saħna żejda, barra l-għaġla u l-pružunzjoni, qatt ma swew ġid lil ħadd f'xejn... aħseb u ara lil min jaqbad xogħol ta' reqqa u sabar bħal dan li l-għorrief dejjem ħadu snin kbar biex għamlu bħalu. Il-Maltin, minħabba n-nuqqas ta' inizjattiva u ta' inkuraġġiment, x'aktarx baqgħu 'l ura fis-sengħa ta-filoloġija u ta' l-etimoloġija; u minn dejjem kellhom iħabbtu rashom ma' barranin, ftit jew wisq tajba, imma wkoll xi drabi dgħajfa bħal dan Barbera). X'baqgħu ma qalux fuqna nies bħal Schlienz u Roudanovsky biex ma nsemmux lil Stumme u Dessoulavy u oħrajn li kellhom matiмura aħjar? Imma li nsibu lil min igħajjarna wkoll hi kbira. Għalhekk u għalhekk biss qbadt il-pinna u qbiżt, kif qed naqbeż kontra Barbera, għal din l-imsejkna blata mqallba mill-baħar tal-għira barranija, u għal dan l-imsejken ilsien li aħna, donna aktar ma naraw barranin jinġibdu lejh, iżjed indawru wiċċna band'oħra u nxammru mniħirna 'l fuq bħallikieku, malli jsemmuhulna, inkunu qed nisimgħu xi kliem mhux xieraq!

Inqumu mela min-ngħas nazzjonali li dħalna fih u nħarsu b'ħilitna kollha dal-ftit li għandna li hu tassew tagħna!

Kelma oħra fuq dal-ktieb storiku u nagħlaq.

Jixraq li l-kopja tal-Falzon bin-noti ta' Patri Magri tibqa' għand sidha l-Patri Mejlak. Imma jekk qatt jaħtieġ li jinbidel sidha, postha hu fil-Bibljoteka tagħna fejn jixirqilha toqgħod, fost il-kotba l-oħra egħżież li jitkellmu fuq ilsien artna, bħala waħda mill-ġebliet il-kbar li fuqhom jinbena l-monument waħdani li jfakkar fil-qedem ta' gżiritna u jagħżilna bħala tabilħaqq Nazzjon!

---

# LAMPA SE TINTEFA

*Ta'* Mary Meylak

Lampa ċkejkna,
Qiegħda ħdejja
Għax qed tpetpet
Ġo għajnejja?
Dan x'fettillek
Tilgħab bdejt,
Għidli ftit
Naqsek iż-żejt?

Xejn m'int soda,
Tlebleb, tperper,
Daqqa ċċaqċaq,
Oħra tferfer,
Tfaqqa', ittextex,
Tieħu l-qtajja'
U ma nafx
Kif għadek ħajja!

Tberraq, beraq
Waħda fl-oħra,
Xbajt twennisni,
Xbajt tindokra,
Ruħek ħierġa,
Qiegħda tmut
Għax ma ġiex
Sqiek il-lenbut.

Farfett igħassek
Fl-agunija,
Ma jafx rasu
Fejn jagħtiha!
Bl-ebda mod
Ma jrid jerħik,
F'ġenn, f'delirju
Mħabba fik!

Qajla, qajla,
Xemx il-kamra
Nieżla tnemnem
Safra, safra,
U għalija
Qiegħda sselli
Bl-aħħar xrar
Tas-suffarelli.

Bil-marċ sejra
X'inti sport!
U mal-waqfa
Nsibek mort.
Issa writtek,
Messni dan:
Foga u riħa
Ta' duħħan.

# X'NOBGĦOD

*Ta'* M. Agius

(*Lil ħabibi* K. Vassallo, *Poeta*)

Nobgħod 'il-ġgajta ta' l-ibliet imħallta:
Bil-barranin bla ġieh jew nies qarrieqa,
Fejn issib bosta, waqt li l-fomm jitbissem,
B'qalb kollha dieqa.

Nobgħod l-imkejjen fejn issib mitlufa:
Irġiel kburin jew nisa kollhom frugħa,
Li jżidu juru kemm tassew fid-dinja
Hawn qerq u bluha.

Nobgħod id-dehra ta' bnedmin għajjura,
Jew ta' nies oħra b'żewġ uċuh għaddejja:
Tnassis ixerrdu kull fejn dawn ikunu,
Tal-għawġ qaddejja.

Nobgħod il-frugħa, it-tlellix bla rażan
Li qatt ma ridt jew ħmilt minn żmien tfuliti:
Tlellix li għadni b'xejn ma nista' naħmel
Fi żmien żgħożiti.

Nobgħod 'il-qerq, mistoqsijiet li jdejqu,
Ċajt illi jnigges u t-tifħir bla ħtieġa,
Jew qima rħisa li bħan-nar tintefa
Ta' xi ħuġġieġa.

Nobgħod kliem fieragħ jew il-ferħ belhani,
Bruda bejn ħbieb, il-firda bejn ta' ġewwa,
Ġieh is-setgħana jekk għedewwa jkunu
Tal-ħaqq u s-sewwa!

# Fuq l-Etimoloġija tal-Kelma "Qarweż"

*Ta'* A. Cremona

(*Inqrat fil-Laqgħa Akkademika tat-22 ta' Diċembru, 1946*)

FL-ISTUDJU tal-filoloġija Maltija, aħna niltaqgħu ma' xi kliem li, għalkemm mid-dehra jurik li huwa mnissel minn għerq semitiku, meta tiġi biex tiflih bil-lenti ta' tagħrif filoloġiku, issib li dan il-kliem tnissel (jew ngħidu aħjar, iktarx li tnissel) minn ilsien ta' fergħa li ma għandha x'taqsam xejn ma' għerq semitiku, u li sakemm dan il-kliem wasal għandna kellu jgħaddi minn triqat ta' l-istorja tan-nazzjon, tal-progress taċ-ċiviltà, bżonnijiet ekonomiċi tal-pajjiż, kif ukoll tal-morfoloġija u fonetika tal-lsien Malti.

Naħseb li n-nuqqas ta' studju bħal dan kien li xeħet fuq trieq ħażina lil Preca u lil Caruana fl-istudju tagħhom ta' nisel il-kliem Malti. Il-lum, b'riħet l-istudju iktar xjentifiku ta' xi studjużi barranin u Maltin, mibdi l-ewwelnett minn Gesenius sa mill-1810, imbagħad wara minn oħrajn, fosthom Stumme u Bonelli, u minn Maltin, fosthom Tagliaferro, u dan l-aħħar mill-mejjet Ġużè' Micallef, Saydon u Aquilina, l-istudju filoloġiku tal-kliem Malti huwa iżjed ta' min jorbot fuqu. Fost il-barranin dan l-aħħar kien hemm min tana xi xogħlijiet ta' studji bħal dawn b'vokabolarji etimoloġiċi Maltin, li huma ta' Dessoulavy u Barbera.

Fost il-kliem tax-xorta li semmejt hawn fuq, għandna l-kelma *qarweż* li mix-xeħta tidher li hija ta' forma Maltija-Semitika. Fl-eżami ta' din il-kelma ma nsibx li hemm atâr biżżejjed li fuqhom wieħed jista' jgħid bis-sħiħ li dil-kelma hija mnissla mill-Għarbi jew minn xi lsien ieħor semitiku. Wieħed ħabib tiegħi, il-lum mejjet, kien tarrafli li ġejja mit-Taljan (jidhirli, mid-djalett ta' Pistoja) mingħajr ma qagħad jifli jekk it-Taljan ħadhiex qabel xejn minn ilsien ieħor. Dan ġagħalni b'leħħa iżjed qawwija nifli din il-kelma sewwa.

Din il-kelma nsibuha l-ewwelnett iktarx fid-djaletti ta' Sqallija milli f'ta' l-Italja. Insibuha wkoll fin-Naplitan: *Farsi*

*il caruso*=*tqarweż*. Pianigiani (Vocabolario Etimologico Italiano) igħid li l-kelma *caruso* ġejja mill-Grieg *Kara*, u hija sew sew tal-lsien provenzal, spanjol, katalan 'u sardiniż 'u tfisser *ras imqarwża*.

Xi wħud nisslu l-kelma sqallija *carusu*, li tfisser ukoll *tifel*, mill-frasi latina *caret usum*, l-għaliex it-tifel ikun għadu nieqes mir-raġuni. (Ara Traina). Traina madankollu, skond ixxhieda ta' Pasqualino, jifhem li hija mnissla mill-Grieg. Hekk ukoll *carusari* li tfisser *qarweż* (Ara wkoll Mortillaro) mill-Grieg *keiro* : *jiena nqarweż*; *inġiżż*. Dak il-kliem li ma hux imnissel minn għerq semitiku bil-*Kaf* pregutturali (jiġifieri bil-*qof* Għarbija f'*qerq*), bħal *qarmeċ*, *qastan*, huwa wkoll ta' nisel Grieg. Naħseb li kliem bħal dan sata' daħal fil-perijodu Biżantin.

*Karus* u *Qarweż* : Ta' min fl-istess ħin jifli r-rabta ta' dawn iż-żewġ kelmiet li jixħtu dawl mhux ftit fuq l-evoluzzjoni storika u s-semantika tal-kelma *qarweż*. Bejn il-kelmiet *carusu*, *carusari*, Sqallin, u l-kelmiet Maltin : *karus* u *qarweż* hemm daqsxejn ta' rabta, għalkemm il-għerq tagħhom jagħtik x'taħseb li mhux l-istess.

Il-kelma *carusiddu*, bl-Isqalli tfisser *tifel ċkejken*, kif ukoll il-*karus ċkejken tal-flus tat-tifel*, fil-waqt li l-kelma *carusu*, tfisser *tifel bla leħja*, kif wkoll *ras* ta' tifel *imqaxxra*, jew *tifel*, li taqbel mal-kelma toskana *toso* li tfisser *jien inqarweż* (minn *tosare*) kif ukoll *sabi*.

Il-kelma *karus*, Sqallija, iktarx li waslitilna wara dik ta' *qarweż*, mill-Grieg jew mill-Isqalli *carusari*, jiġifieri fl-aħħar żmenijiet tal-medjuevu meta kellna rabta kbira ta' razza, pulitka u kummerċ ma' Sqallija, qabel l-1500 jew għallinqas fl-aħħar perijodu Araguniż, fil-waqt li l-kelma *qarweż*, minn *karusari* (jekk wieħed m'għandux jifhem li daħlet dritt minn żmien il-Biżantini), bħala kelma wisq iżjed *primitiva*, fid-drawwiet ta' lbniedem daħlet fi żmien wisq iżjed bikri.

Ix-xebh fit-tifsir bejn il-verb *carusari* (*qarweż*) u n-nom *carusu* (ir-ras imqaxxra ta' tifel jew tifel tipiku) u l-*karus* tagħna jidher minn dawn il-paralleli :—

a) *Carusari*, li tfisser : *qarweż*, *qata'*, *ġiżż bl-imqass*.

b) *Carusu*, li tfisser tifel li għandu rasu mqarwża. Fl-Isqalli iktarx tfisser kull tifel jew sabi ċkejken, kif ukoll tfajla ċkejkna xagħarha maqtugħ qasir.

B'hekk il-karus tal-fuħħar li fih jinġabru l-flus, li dari hawn Malta kien użat mit-tfal, fuq id-drawwa ta' Sqallija, ħa l-isem mill-għamla tiegħu partikulari, jiġifieri l-għamla *ta' ras ta' tifel b'rasu mqarwża*; f'xi żminijiet iżjed qodma, bil-beżbuża fuq il-kuċċata tal-qorriegħa u b'għajnejh imqabbża u bil-ħalq għamla ta' xaqq biex wieħed jixħet il-flus minnu.

Xi studjużi jaħsbu li l-kelma *qarweż* ġejja minn għerq semitiku. Fost dawn insemmu 'l Dessoulävy li fil-vokabolarju etimologiku tal-Malti jgħidilna li *qarweż* ġejja mill-kelma Għarbija *qarwat* (li tfisser *qata'*) fejn jidhirli li t-*ta* enfatika qatt ma setgħet fil-Malti ssir *ż*, jew għallinqas *s*. Barbera fid-dizzjunarju tiegħu Malti-Għarbi jnissilha mill-Għarbi: *karawwas* (fuq ix-xhieda wkoll ta' Freytag, Kazimirski u Belot) li jingħad għal min għandu *ras ħoxna*. Hu jaħseb li fil-Malti s-sens ta' dil-kelma twassa' b'mod li maż-żmien ħadet is-sens ta' *ras imqarwża*, billi bit-tqarwiż ir-ras tidher iktar ħoxna.

Fil-Belot insibu wkoll il-verb *qarax* li jfisser *qata'* (*couper*), iżda ma nafx kif minn *qarax* setgħet toħroġ il-forma kwadrilittera *qarweż*, għalkemm fil-Għarbi nsibu li xi verbi trilitteri jissawru fi kwadrilitteri biż-żieda ta' ittri oħra barranin, fosthom ukoll bl-ittra *waw* wara t-tieni radikali. Iżda wieħed irid iwettaq din il-forma fil-Malti b'xi parallel identiku, jiġifieri b'verb ewlieni trilitteru illi fil-forma kwadrilittera jibqa' jżomm l-istess sens jew sens fil-qrib, ħaġa li naħseb jien. mhux lakemm issibha.

Fid-djaletti ta' l-Affrika ta' Fuq l-ebda verb bis-sens ta' *qata'*, *qarweż* jew *ġeżż*, ma nsibu li jersaq lejn il-għerq tal-kelma *qarweż* Maltija, ħlief il-kelma *qarwâx*, li tfisser *ras ħoxna* u torbot mal-forom li tana Barbera f'*qarawwas* u ma' dik ta' Belot f'*qarax*, fl-ewwel waħda b'tibdil ta' konsonanti affini, u fit-tieni waħda biż-żieda tal-*waw*, wara t-tieni radikali u bit-tibdil tal-konsonanti *x* f'*ż*.

Għalkemm ma nistax ingħid li dawn il-forom ta' l-aħħar ma setgħux tawna l-forma Maltija ta' *qarweż*, ix-xebh dirett ta' *qarweż* mal-kelmiet Sqallin *carusu* u *carusari* (li sew fil-kelma *karus* kemm fil-kelma *qarweż* baqgħu bl-istess sens) mhux ta' min iwarrbu. Fuq hekk nistieden li jsiru kommenti, li jien nilqa' bil-pjaċir kollu, wara li din id-daqsxejn ta' monografija tidher f'"Il-Malti", il-għaliex ma naħsibx li hawn għandna żmien

u materjal biżżejjed biex wieħed jagħmel kommenti sodi.

* * *

Wara li kont għamilt dan l-istudju u qrajtu fil-laqgħa akkademika tal-"Għaqda" li saret fit-22 ta' Diċembru, 1946, il-Professur G. Aquilina nebbaħni illi huwa, taħt "Nisel il-Kliem" f'*Leħen il-Malti* ta' Settembru-Ottubru, 1939, Nri. 103-104, kien fisser, (skond il-fehma tiegħu) in-nisel ta' *Qarwas* fil-Malti. Wara li wera illi *qarwat* (Għarbija), kif jagħtihielna Dessoulavy, ma setgħetx titbiddel fil-kelma Maltija *qarwes*, il-Prof. Aquilina jaħseb li l-kelma *qarweż* jew *qarwas* (skond il-kitba tiegħu) ġejja mill-Għarbi *qaras* li, barra milli tfisser *to pinch* (fl-Ingliż), bħal fi lsienna, tfisser ukoll, skond Kasimirski, "*qatagħ*". Bħala eżempju ta' verb kwadrilitteru maħruġ minn verb Għarbi trilitteru biż-żieda tar-radikali "waw", iqabbel il-Malti "ħawtel" (*industriarsi, ingegnarsi per guadagnare*) (Caruana) ma' "ħatal" (*to deceive, to outwit*) (Wortabet).

Kif fissirna, fl-ebda djalett Għarbi tal-Kosta ta' l-Affrika ta' Fuq, minn dak li s'issa stajt nitkixxef, ma jidher li hemm ebda verb li jersaq lejn il-għerq tal-verb *qarweż* jew *qarwas* bis-sens talverb *qarweż* jew *ġeżż* jew *qata' x-xagħar tar-ras*. Is-sens sekondarju ta' *qatagħ* fil-verb trilitteru Għarbi *qaras* (to pinch) jidher *waħdu* għall-aħħar u, għalkemm mhux imġebbed għas-sens ta' *qarweż* fil-Malti. L-eżempju *ħawtel*, barra milli għandu s-sens ftit u xejn imbiegħed mill-verb Għarbi *ħatel* (to outwit), ma jaqbelx mal-forma *qarweż*, fejn il-"waw" tiġi wara t-tieni radikali, mhux wara l-ewwel radikali. Verbi tal-forma *qarweż* bil-*waw* wara t-tieni radikali għandna: *ħarwex*, *gedwed*, *geżwer*, *karwat*, *herwel*, eċċ., fil-waqt li tal-forma *ħawtel* bil-*waw* wara l-ewwel radikali għandna *hewden*, *qawqab*, u oħrajn. Fil-Għarbi l-forma *fagħwal* bil-*waw* wara t-tieni radikali twieġeb għall-XX forma klassika, u mhix rari, l-iktar fis-Sud ta' l-Alġerija, filwaqt li l-forma *fawgħal* hija tat-XVIII-il forma klassika u wisq iżjed komuni.

Kif diġà fissirt ruħi ma nistax ingħid illi l-kelma *qarweż* ma setgħetx tnisslet minn għerq semitiku, iżda naħseb illi s'issa ma għandniex xhieda ċara ta' fdalijiet semitiċi li fuqhom weħed jista', bil-għajnuna tax-xjenza filoloġika, igħid li l-kelma *qarweż* setgħet iżjed tnisslet minn għerq semitiku milli minn għerq Grieg jew tradizzjonalment minn espressjoni sqallija.

# L-Istampa f'Malta

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Is-Sitt Taqsima; tissokta man-Nru. ta' Marzu faċċ. 24)*

BIEX nistqarru s-sewwa, u xejn anqas mis-sewwa, l-aktar li sibna ruħna mħabblin u mxekkla, f'dil-kitba tagħna, dwar il-Ġrajja ta' l-Istampa f'Malta, kien meta ġejna biex insejsu, nibnu u nsawru din it-taqsima li trid twieġeb għall-isem u r-ras li hawn fuq tajnieha.

Tabilħaqq, qatt ma konna nobsru u nistennew li aktar ma ż-żmien ta' din il-ġrajja qorob lejna, kellna nsibu ruħna mħawdin iżjed mid-drabijiet l-oħra li huma mbegħdin minna qatigħ.

Hu minnu li, fl-Arkivju ta' l-Ordni, fil-vol. 271, paġ. 71-78, hemm xi dokumenti dwar id-dħul ta' l-Istampa f'Malta. Iżda, minn dawn, ftit, wisq ftit, wieħed jista' jaqbad u jieħu dawl, ta' kif saret sewwa din il-ħidma mill-Gran Mastru Pintu. Mhux biss. Imma billi huma mqegħdin u mitfugħin għala riħhom, bla ebda tifsir sewwa dwarhom, aktar ifixklu, milli jgħinu, lil dak li jkun irid jinqeda bihom. Mill-bqija, barra minn dawn id-dokumenti li semmejna, tista' tgħid, ma rnexxielna niltaqgħu ma' xejn iżjed, fl-Arkivju ta' l-Ordni, fuq din il-ħaġa. Dan iġegħilna naħsbu li, dik il-kitba li għaddiet bejn il-Gran Mastru Pintu u l-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma, intilfet, għosfrot u taret mar-riħ.

Minħabba n-nuqqas ta' tagħrif li għedna, ikollna nibqgħu biex nitqannew u ninqdew b'dak biss li nsibu li hemm fil-vol. 271 li semmejna.

Xi wħud minn dawn id-dokumenti huma ta' l-Ordni, waqt li oħrajn intrefgħu mill-Arkivju ta' l-Inkwiżitur. U dan aktarx li sar wara xi talba magħmula mill-Gran Mastru Pintu, bil-ħsieb li l-Ordni jkollu f'idejh xhieda ta' siwi, min-naħa ta' l-Inkwiżitur, fejn turi li dan ukoll jaf b'liema għamla Ruma qatgħet, kif kellha titħaddem l-Istampa f'Malta. Ara kemm hu hekk. Taħt xi wħud minnhom, insibu li huma meħudin mir-Reġistru ta' l-Ittri ta' l-Imqaddsa Inkwiżizzjoni ta' Malta, minn Ġakki Grixti, Kanċellier tagħha.

Milli jidher, il-ħidma ta' Pintu, biex iddaħħal l-Istampa f'Malta, bdiet fis-sena tal-1746.

Fost l-imsemmija dokumenti, hemm tnejn jixxiebhu ħafna. Wieħed hu tal-Gran Mastru, mibgħut lill-Papa, fejn, wara li jfissirlu l-ġrajja ta' l-Istampa f'Malta, u l-għala din ma għaddietx 'il quddiem, jitolbu biex ibiddel l-għamla tad-digriet tal-1699, billi jamar u jagħti li wara l-"Imprimatur" ta' l-Isqof u ta' l-Inkwiżitur, jitniżżel ukoll l-ieħor tal-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni. Inkella, wara li dawn it-tlieta jaraw il-kitba, u jgħadduha bħala tajba, billi jniżżlu isimhom fiha, ma jistampaw ebda "Imprimatur", iżda biss is-"Superiorum permissu", jew "Con licenzia de' Superiori" — kliem li jfisser xorta waħda li l-kitba għaddiet minn taħt it-tliet ċensuri.

Id-dokument l-ieħor naħsbu li hu ta' l-Inkwiżitur ta' Malta, fejn ukoll jagħti tagħrif lill-Papa, dwar l-Istampa f'Malta, u jaqbel ħafna mat-talba li għamel Pintu biex jaqla' s-setgħa minn Ruma ħalli jdaħħalha fi Gżiritna mill-ġdid.

L-Ambaxxatur ta' l-Ordni, li, f'dik il-ħabta, kien il-Balliju de Tencin, ressaq it-talba ta' Pintu quddiem il-Papa, fejn issokta jfissirlu l-biċċa sewwa. B'danakollu, bit-talb u t-taħbit li tħabat dê Tencin, il-Papa għoġbu jaqta', fit-3 ta' Awissu, 1746, li, fil-biċċa ta' l-Istampa, kellu jibqa' jseħħ u jitwettaq id-degriet ta' l-1699.

Iżda, ftit tal-jiem wara, fit-12 ta' Awissu, il-Papa reġa' qies mill-ġdid il-fehma tiegħu, u ħareġ degriet ieħor. Fih qal li, l-Istampa f'Malta, kellha titħaddem li tkun taqbel ma' dak li jgħidu l-Bolla ta' Piju IV u d-degrieti tal-Konċilju ta' Trentu, u li fil-kotba li jiġu stampati, jitniżżlu l-ismijiet ta' l-Isqof, ta' l-Inkwiżitur, u, wara dawn, tal-Viċi Kanċellier, jew ta' dak li jkun maħtur mill-Gran Mastru.

L-għamla ta' dan id-degriet ma għoġbitu xejn lil Pintu. Dak li kellhom jitħarsu l-Bolla ta' Piju IV u d-degrieti tal-Konċilju ta' Trentu, ma jaqbel xejn li xejn ma' dak li qata' l-Papa, meta dan amar ukoll biex il-Viċi Kanċellier iniżżel l-"Imprimatur" tiegħu flimkien ma' tat-tnejn l-oħra. Għaliex, jekk jitħaddmu huma, taqa' malajr is-setgħa ġdida li l-Papa ta lill-Ordni, billi dawk igħidu li, l-"Imprimatur" fil-kotba stampati, irid isir mill-Isqof u mill-Inkwiżitur biss, u b'hekk il-Muħtar tal-Gran Mastru kien jibqa' minn barra.

Bħalma rajna, billi d-degriet tat-12 ta' Awissu, 1746, aktarx ifixkel lilu nnifsu fit-tħaddim tiegħu, għax, waqt li minn banda

jsemmi ħaġa li għandha ssir, min-naħa l-oħra ma tistax titwettaq u sseħħ, safa' ħafna ta' taħwid u taħbil il-moħħ. Fuq hekk, l-Ambaxxatur ta' l-Ordni, reġa' beda l-ħidma tiegħu f'Ruma, biex jaqla' degriet ieħor li, għallanqas, ifisser aktar sewwa, u bla tlaqliq xejn, dik is-setgħa li l-Papa ta.

Fl-aħħar, wara ħafna taħbit u tiġbid ieħor, is-Sagra Kongregazzjoni tas-Santu Uffizzju ħarġet, fl-24 ta' Novembru, 1746, il-wisq mistenni u mixtieq degriet li bih il-Gran Mastru seta' jwaqqaf l-Istampa f'Malta, bla ebda nuqqas ta' ġieh lill-Ordni, iżda f'dik il-għamla biss ta' kif kien talab u xtaq hu.

Fit-22 ta' Frar, 1747, l-Assessur tas-Santu Uffizzju, bi ftehim mal-Papa, bagħat kopja tiegħu lill-Balliju de Tencin, filwaqt ukoll li għarrfu, li, l-għada (23 ta' Frar), kellu jressqu quddiem il-Papa, biex dan jgħaddih, kif hekk sar.

Wara li l-imsemmi degriet twettaq mill-Papa, l-Ambaxxatur de Tencin, fit-28 ta' Frar, 1747, kiteb lill-Gran Mastru Pintu, fejn għarrfu, li jinsab ħieni u ferħan li jibagħtlu l-mixtieq degriet dwar l-Istampa f'Malta. Dan juri sewwa, bi kliem li jiftiehem tajjeb u meqjus, kif għandu jsir u jitħaddem l-"Imprimatur", billi jneħħi kull tħassib li jista' jiġi mfisser xort'oħra, kemm-il darba, maż-żmien, jinqalgħu xi rjus iebsa li jfittxu biex iqanqlu mill-ġdid xi tilwim dwaru. Terġa', il-ħruġ tad-degriet tat-12 ta' Awissu, 1746, sewa ta' ġid, billi għen ħafna biex il-biċċa rnexxiet ward u żahar. Tassew li dan hu mfixkel ħafna fit-tiswir tiegħu; iżda, l-fehma tal-Papa minn dejjem kienet li jqim u jqiegħed lil kulħadd f'keffa waħda, f'dak li huwa mkien u għamla dwar l-"Imprimatur". Għalhekk, issa, mhux ta' min iħabbel rasu aktar fuqu, billi d-degriet il-ġdid li ħareġ l-aħħar jitkellem sewwa u bid-dieher, li, taħt l-"Imprimatur", kellhom jagħmlu isimhom l-Isqof, l-Inkwiżitur u l-Muħtar tal-Gran Mastru, wieħed ma' ġenb l-ieħor, kemm-il darba l-folja tal-ktieb tkun tesagħhom hekk it-tlieta flimkien. Inkella, meta din tkun dejqa li ma jistgħux joqogħdu kif semmejna, jitniżżlu wieħed taħt l-ieħor.

De Tencin jissokta jgħid li ma kitebx lill-Gran Mastru Pintu, qabel ma spiċċa kollox, biex jeħilsu minn ħafna tħassib, dwejjaq u hemm, meta dan kien jagħraf bit-tmerijiet li bdew ifittxu jqanqlu sakemm waslu fi tmiem il-ftehim. Terġa', ix-xogħol li sar min-naħa ta' Ruma, barra milli dejjem ġibed fit-

tul, baqa' sejjer ukoll b'ħafna taqtigħ il-qalb, la 'l hemm u anqas 'l hawn, sa l-aħħar waqt u ħin. U għalkemm De Tencin kien miftiehem u kollox ma' l-Assessur tas-Santu Ufizzju, dwar din il-biċċa, ħass li kien dmir tiegħu li jerġa' wkoll ifakkru mill-ġdid u jsus warajh f'lejlet il-jum li dan kellu jmur, bl-imsemmi degriet, għand il-Papa, biex dan jgħaddih.

Bit-tagħrif li tagħti l-ittra ta' De Tencin, wieħed jista' wkoll jikseb xaqq dawl u jieħu xi ħjiel, għalkemm mill-aktar ċkejken, dwar il-ħidma li saret f'Ruma minn dan l-Ambaxxatur bl-amar ta' l-Ordni.

Fit-3 ta' Ġunju, 1747, il-Kardinal Ruffo, b'amar tal-Papa, bagħat kopja tad-degriet tal-24 ta' Novembru, 1746, lill-Inkwiżitur ta' Malta, biex kemm hu, kemm ukoll dawk l-oħrajn li jilħqu warajh, jagħarfu jimxu, dwar kif kellu jsir l-"Imprimatur" fit-tħaddim ta' l-Istampa fi Gżiritna.

Ma għandniex xi ngħidu, id-degriet tal-Papa għoġbu ħafna lil Pintu, għax bih ra lill-Ordni tiegħu jaqta' waħda mill-akbar xewqat li fih qatt nibtu u tnisslu; iżda ma niżillux għasel għal kollox, minħabba l-għamla ta' kif ried jidher l-"Imprimatur" fil-kotba stampati. Għax dik li l-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni kellu jniżżel ismu l-aħħar wieħed, taħt dak ta' l-Isqof u ta' l-Inkwiżitur, meta l-folja tal-ktieb ma tkunx ta' wisa' biżżejjed, li jistgħu jidħlu u joqogħdu t-tlieta flimkien, ma' ġenb xulxin, Pintu ħassha ftit u xejn qarsa. Fuq hekk, biex isewwi u jdewwi din il-ħaġa, il-Gran Mastru ħaddem dehnu ħafna ħalli jara lill-Ordni ħiereġ ħieles ukoll minn dan l-aħħar twegħir li kien fadal, u b'hekk ma jidhirx b'anqas mill-oħrajn f'għajnejn in-nies.

Minn ittra li l-Gran Mastru kiteb, fl-10 ta' Ġunju, 1747, lill-Balliju De Tencin, Ambaxxatur ta' l-Ordni f'Ruma, nieħdu, li Pintu tkellem ma' l-Inkwiżitur, dwar l-Istampa f'Malta, waqt li wkoll urieh l-aħħar degriet li ħareġ il-Papa fuq kif kellu jitħaddem l-"Imprimatur" fi Gżiritna. L-Ingiżitur wieġbu li kellu jikteb lis-Sagra Kongregazzjoni tas-Santu Uffizzju, għax, milli jidher, kien għad ma wasallu ebda tagħrif għal din il-ħaġa. B'danakollu, Pintu tkellem ma' l-Isqof u ma' l-Inkwiżitur, dwar il-biċċa taċ-ċensuri, u magħhom wasal fi ftehim, billi dawn tawh il-kelma tagħhom, biex l-ismijiet ta' l-Isqof, ta' l-Inkwiżitur u tal-Viċi Kanċellier jitniżżlu bi kliem imqassar, ħalli b'hekk ikunu

jistgħu jidħlu dejjem, f'linja waħda, it-tlieta flimkien (1). U b'dan il-ftehim, fl-aħħar feġġet dik l-qawsalla tal-paċi li temmet it-tilwima nkejjuża dwar l-"Imprimatur" — silta, li, bħalma rajna, kienet ilha sejra 'l fuq minn mitt sena bejn l-Ordni u Ruma.

(1) Ark. ta' l-Ordni, vol. 1505.

*(Jissokta)*

---

## TFAJJEL SAJJIED

*Ta'* VINCENT CARUANA

Jien rajtek taqbdu t-tmun b'dirgħajn ta' saħħa,
U waħdek tmexxi l-qlugħ bil-ħsieb u r-rieda.
Kull mewġa b'għaqal kbir toħodha magħha;
Stħajjiltkom dħaltu, int u l-mewġ, fi ġlieda.

Rajt mewġa tqum bil-qawwa kollha tagħha,
Imm'inti taf is-sengħa tas-sajjieda,
W għalhekk għaraft il-mewġa kif tirbaħha,
Li setgħet sa ftit qabel tkun qerrieda.

Nixtieq li bħalek fija wkoll tinbena
Il-qawwa li wasslitek f'xatt il-bajja
Rebbieħ bil-qlugħ, bla tibża' jew tinfena;

U bħalek ngħid: Ha jiġi l-mewġ bil-qtajja'.
Jien issa rrid nitgħallem dik is-sengħa,
Li nidra nirbaħ biha l-Mewġ tal-Ħajja.

# Il-Laqgħa ta' Dun Abbondju mall-Bravi

*Ta'* Dun Pawl

LI t-tnejn, li wrejna x'kienu fuq, kienu qegħdin jistennew lil xi ħadd, kienet ħaġa wisq ċara; imma dak li minnu sogħobbih l-aktar Dun Abbondju kien li kellu jintebaħ, minn xi għamil tagħhom, li l-mistenni kien hu. Għax, hekk kif deher hu, dawk kienu ħarsu f'wiċċ xulxin, jarfgħu rashom, b'ċaqliqa li minnha kien jidher li t-tnejn f'daqqa kienu qalu: hu; dak, li kien riekeb fuq il-ħajt b'sieqū l-waħda 'l hemm u l-oħra 'l hawn, kien qam, jiġbed sieqū għal fuq it-triq: l-ieħor kien inqala' minn mal-ħajt, u t-tnejn kienu sejrin lejh. Hu, jżomm dejjem il-brevjarju miftuħ quddiemu, bħallikieku qed jaqra, kien qed jitfa' ħarstu 'l fuq, biex igħarrex x'jagħmlu; u, jarahom ġejjin tassew lejh, qabdu f'daqqa waħda elf ħsieb. Staqsa malajr bil-ħeffa lilu nnifsu, jekk, bejn il-*bravi* u hu, kienx hemm xi triq mnejn joħroġ, mal-lemin jew max-xellug; u ntebaħ malajr li le. Għamel bil-għaġla stħarriġa tiegħu nnifsu, jekk qatt kienx naqas lejn xi wieħed li kien jiflaħ, lejn xi wieħed li ma jaħfirha lil ħadd; imma, wkoll f'dik il-fixla, ix-xhieda li tfarraġ tar-ruħ kienet qiegħda sserrħu xi ftit: il-*bravi* iżda kienu resqin, iħarsu lejh ċass. Qiegħed sebgħu l-werrej u tan-nofs ta' idu x-xellugija ġol-kullar, bħallikieku biex iqiegħdu sewwa, u, idawwar iż-żewġt iswaba' ma' għonqu, kien qiegħed fil-ħin jilwi wiċċu lura, igħawweġ flimkien ħalqu u jħares minn tarf il-għajn, sa fejn kien jista' jekk kienx ġej xi wieħed; imma ma ra lil ħadd. Ta daqqa ta' għajn, 'l fuq mill-ħajt, fl-għelieqi: ħadd; daqqa oħra aktar mistura fuq it-triq ta' quddiemu: ħadd, barra mill-*bravi*. X'jaqbad jagħmel? jarġa' lura, ma kienx iżjed fil-waqt; jerħilha b'ġirja, kien daqs li kieku jgħidilhom, itordu waraja, jew agħar. Ma jistax jeħles mill-għawġ, intafa' għal fuqu, għaliex dawk il-ħinijiet, li fihom ma kienx jaf x'għad jiġri, kienu hekk ta' diqa kbira għalih, li ma kienx jixtieq ħaġ'oħra ħlief li jqassarhom. Ħaffef il-mixja, qal *versett* b'leħen ogħla, għamel wiċċ mill-aktar ħiemed u ferħan li sata', ġabar ħiltu kollha biex iħejji tbissima;

meta sab ruħu quddiem iż-żewġ *bravi*, qal ġo fih : hawn aħna; u waqaf f'daqqa .

'Sur kurat,'' qal wieħed minn dawk it-tnejn, iwaħħallu għajnejh f'wiċċu.

''X'għandi naqdik?'' wieġeb malajr Dun Abbondju, jarfa' għajnejh minn fuq il-ktieb, li kien baqa' mifrux fuq idejh, bħal fuq leġiju.

''Inti bil-fehma,'' tenna dak, b'sura ta' theddid u herra ta' min jaqbad lil xi ħadd anqas minnu sejjer jagħmel xi waħda ħoxna, ''inti bil-fehma li żżewweġ għada lil Wenzu Tramaglino ma' Luċija Mondella !''

''Jiġifieri...'' wieġeb, b'leħen imriegħed, Dun Abbondju : ''jiġifieri . Intom nies li għandkom mid-dinja, u tafu wisq tajjeb kif isiru dawn il-ħwejjeġ. L-imsejken kurat ma jindaħal xejn fihom : igħassdu bejniethom, u mbagħad... imbagħad... jiġu għandna, bħalma wieħed imur il-bank biex jiġbed il-flus; u aħna... aħna l-qaddejja ta' kulħadd.''

''Tajjeb,'' qallu l-*bravu* f'widintu, imma b'ton ta' amar l-aktar qawwi, ''daż-żwieġ m'għandux isir, la għada, la qatt.''

''Imma,'' tenna Dun Abbondju, bil-leħen ġwejjed u ħelu ta' min irid ifiehem lil wieħed bla sabar, ''imma jogħġobkom tilbsu l-libsa tiegħi. Li kont nagħmel jien mill-biċċa...! intom tifhmu tajjeb li lili minn dan m'hu ser jiġi xejn f'buti...''

''Neħilsuha,'' qatagħlu kliemu l-*bravu*, ''jekk il-biċċa kellha tintemm bit-tpaċpiċ, int kont iddaħħalna fi xkora. Aħna la nafu u lanqas irridu nafu iżjed fuqha. Bniedem imwissi... tifhimna int.''

''Imma intom nies bil-bosta tal-ħaqq u li tafu twieżnu...''

''Imma,'' qatgħalhom kliemhom did-darba sieħeb il-*bravu*, li kien għadu ma fetaħx fommu sa dak il-ħin, ''imma ż-żwieġ ma jsirx, jew...'' u hawn dagħwa ħoxna, ''jew min jagħmlu ma jindimx minnu, għax ma jkollux żmien, u...'' u dagħwa oħra.

''Iskot, int, iskot,'' raġa' qal dak li kien tkellem l-ewwel wieħed, ''is-sur kurat huwa bniedem li jaf il-ħajja tad-dinja; u aħna rġiel, li ma rridux nagħmlulu deni, kemm-il-darba jimxi b'għaqlu. Sur kurat, l-illustrissimu Dun Rodrigu jselli għalik minn qalbu.''

Dan l-isem kien, f'moħħ Dun Abbondju, bħalma fl-eqqel ta' riefnu ta' mal-lejl, berqa li ddawwal f'taħwida l-ħwejjeġ, u tkat-

**tar il-biża'**. Baxxa, bla ma jaf, mill-iktar rasu lejn l-art u qal: "Li kontu intom tafu tgħiduli..."

"Oh! ingħidu lilek li taf bil-latin!" qatagħlu kliemu mill-ġdid il-*bravu*, bi tbissima kiesħa u ħaxxa. "Lilek imiss. U fuq kollox la tħallix toħroġlok xi kelma fuq dit-twissija li għamilnielek għall-ġid tiegħek; inklele... ehm... ikun daqs kemm li tagħmlu dak iż-żwieġ. Naqtgħuha. xi trid li ngħidulu f'ismek lis-sur Dun Rodrigu?"

"Qimuh għalija..."

"Fisser ruħek aħjar!"

"Imhejji... mhejji dejjem li nisma' minnu." U jgħid dal-kliem ma kienx jaf lanqas hu jekk kienx qed iwiegħed inkella qed imelles.

"Tajjeb wisq, u l-lejl it-tajjeb, sur," qal wieħed minnhom, waqt li ser jitlaq ma' sieħbu. Dun Abbondju, li, ftit qabel, kien jagħti għajnu biex jeħles minnhom, issa kien kieku jrid itawwal it-taħdita u l-ftehim ta' bejniethom. "Sinjuri..." beda, jagħlaq fil-waqt il-ktieb b'idejh it-tnejn; imma dawk, bla ma jagħtuh aktar widen, qabdu t-triq mnejn kien ġie hu, u tbiegħdu jgħannu għanja li ma nixtieqx inġibha hawn.

L-imsejken Dun Abbondju baqa' għal ftit b'ħalqu miftuħ bħal mibluħ; imbagħad qabad wieħed miż-żewġt isquq, li kien jieħu għad-dar tiegħu, jitfa' 'l quddiem bit-tbatija riġel wara l-ieħor, li kienu qishom mirżuħa, iċċungati. Kif kien jinsab minn ġewwa fih, wieħed ikun jifhmu aħjar, meta nkunu għidna xi ħaġa fuq kif hu kien magħġun u fuq iż-żmenijiet li fihom kien messu jgħix.

Dun Abbondju (min qed jaqra ilu li ntebaħ) ma kienx twieled b'qalb ta' dorbies. Imma sa mill-ewwel snin, kellu jifhem li l-agħar qagħda dik il-ħabta kienet dik ta' dbiba bla dwiefer u bla snien, u li mhux b'daqshekk kien iħossha li tħalli min jiblagħha.

# Reċensjonijiet

**"WIĊĊ TA' KRISTU"** — Ta' Dun Beneditt Axisa. Għaqda ta' Qari Tajjeb, Malta, 1947; paġ. 24.

Din hi opra postuma miktuba poeżija minn Dun Beneditt Axisa, Qassis tal-Missjoni l-Kbira. li twieled f'Ħal Qormi, fit-28 ta' Awissu, 1877, u miet f'dik il-belt, fis-7 ta' Settembru, 1946.

Dan il-qassis għaref kien iħobb il-poeżija; kien qisu l-poeta tal-parroċċa tiegħu: f'kull festa kbira u f'kull okkażjoni ta' ferħ, kien jippubblika xi sunett jew xi poeżija biex jiċċelebra l-ferħ tal-poplu.

Il-poeżija ta' Dun Beneditt hija dik il-poeżija lieżma u ferriħija bla tlellix u bla tirqim żejjed, li toħroġ mill-qalb, xbiha tas-sentimenti tannies bdiewa, ħaddiema u tas-sengħa; hija poeżija ħafifa u ħelwa, infawra bl-imħabba u bil-ħniena skond il-qalb ta' min kitibha.

Din il-poeżija fuq Wiċċ Kristu hi mera tal-poeżiji kollha li ħarġu millpinna ta' Dun Beneditt Axisa; fihom jiġbru l-għaġeb tal-ħniena t'Alla, is-sens ta' qima u devozzjoni li kull nisrani jħoss lejn Sidna Ġesù u n-nar ta' l-imħabba li jħeġġeġ fil-qlub tal-bnedmin lejn il-Ħallieq u l-Feddej tagħhom. Wara li wieħed jaqra din il-poeżija jħoss faraġ u hena f'qalbu u din hi l-aqwa prova li l-poeżija hija biċċa xogħol tajba għax dak li hu tajjeb biss iferraġ ir-ruħ u jimlieha bil-hena. G.

**"MIN IDUQ ILMET IN-NIL"** — Ta' Ivo Muscat Azzopardi. Stamperija ta' Giov. Muscat, Malta, 1947; paġ. 142.

Dan il-ktieb jorbot ma' l-ieħor "Triq id-Dejqa Nru. 313", li l-awtur kien ħareġ tliet snin ilu u jissokta jirrakkonta fuq id-detektiv Malti, Bendu Muscat.

L-awtur fetaħ triq ġdida fil-letteratura Maltija: dik tal-ġrajja dwar il-ħidma u t-tkixxif tal-pulizija sigrieta u f'dan it-tieni rumanz tiegħu ma jonqos xejn minn dak li titlob is-sengħa biex joħroġ ktieb ta' detektiv kif għandu jkun; dan il-ktieb fih dawk il-persunaġġi u dawk l-elementi li flimkien jinsġu ġrajja ta' biża', li jżommu l-qarrej mitluf fuq il-fatt u li jqanqlulu ħrara kbira biex jagħraf min ikun imexxi l-ħarira fid-damma tal-ġrajjiet u biex jikxef kif se jkun it-tmiem ta' kollox.

L-awtur jidher li għandu xejra ġmielha għal din ix-xorta ta' rumanzi u jaf kif iżomm il-qarrej fuq ix-xwiek billi jżommlu mistur sa l-aħħar il-qofol tar-rakkont.

Il-ktieb imqassam f'erba' taqsimiet, iżda r-rumanz migbur fl-aħħar żewġ taqsimiet biss; għax l-ewwel taqsima nistgħu ngħodduha bħala l-egħluq tar-rumanz *Triq id-Dejqa Nru. 313*, li l-awtur ħareġ qabel dan ta' issa, u t-tieni taqsima titkellem biss fuq is-saħta li jġibu fl-Eġittu, il-kokajina u l-mediċinali xaħxieħa bħalha.

Ir-rumanz mibni dwar it-traffiku ta' dawk il-mediċinali u għalhekk jagħti lemħa lil xi rumanzi ta' Edgar Wallace u ta' Sydney Horler. Għoġobna kif ir-rakkont jiġri ħafif u ma jintilefx f'taħwid li jħabbel il-moħħ u anqas ma jitgħabbar b'deskrizzjonijiet twal li jgħajju lill-qarrej.

Naħseb li kien ikun aħjar kieku l-awtur ħalla barra dawk il-ħafna rqaqat dwar l-għamliet tal-mediċinali, kif ukoll dawk il-perċentwali ta' nies li jieħdu l-kokajina, ta' flus li jintefqu fiha, ecc., ecc., u dawk iċ-ċifri l-oħra li wieħed isibhom fir-rapporti tas-"Central Narcotics Intelligence Bureau", ta' l-Eġittu, iżda li huma barra minn lokhom f'kitba ta' rumanz. Hekk ukoll ma jogħġbuniex dawk il-ħafna aġġettivi li l-awtur ħoloq biex iżewwaq xi kliem; bħal ma huma: "ħajja jumija", paġ. 43. (ħajja ta' kuljum); "metri mrabbgħa", paġ. 50 (metri kwadri); "kien maħbus", paġ. 56 u 93 (kien fil-ħabs); "kien isejjef", paġ. 85 (igħaddi s-sajf). Espressjonijiet bħal dawn ma jdoqqux tajjeb fil-widna u jinħassu ebsin f'novella li l-merti tagħha għandhom ikunu ħeffa u ċarezza.

Dawn huma rqaqat żgħar li xejn ma jnaqqsu mis-sbuħija tar-rumanz u mis-siwi letterarju tiegħu u għalhekk inħajru lill-awtur jissokta l-ġrajja ta' Bendu Muscat, ix-Sherlock Holmes Malti u lill-qarrejja biex jiksbu malajr kopja ta' dawn il-kotba.

G.

**"AN INTRODUCTION TO MALTESE FOLK-LORE"** — By Joseph Cassar Pullicino. Malta, Allied Malta Newspapers Ltd.—1947; paġ. 48.

Is-Sur Ġużè Cassar Pullicino l-lum ħa l-fama ta' studjuż tal-folklore Malti u dan l-aħħar xogħol tiegħu jżid ikattarlu din il-fama.

Il-għorrief issa qegħdin igħoddu l-folklore bħala xjenza li tiswa mhux ftit biex tagħti tagħrif u dawl fuq l-istorja u s-soċjoloġija tal-eqdem żmenijiet fil-ħajja tal-bniedem u għalhekk qegħdin igħarblu u jistħarrġu bir-reqqa kollha biex isawru bixra li tixraq lil din il-fergħa ta' tagħlim.

Kien hawn ħafna oħrajn li qabel Cassar Pullicino kitbu fuq il-folklore Malti, imma ħadd ma żamm sistema bħalu u ħadd ma niseġ hekk bil-għaqal id-drawwiet u l-ħrejjef tal-qedem ta' Malta biex minnhom jislet ħjiel ta' kif kienet il-ħajja f'dawk iż-żmenijiet mudlama.

Jekk wieħed joqgħod ifittex bir-reqqa u jistħarreġ bil-għaqal fuq il-ħrejjef u l-egħdut qodma, għandu jintebaħ bil-ħażna ta' għerf li tinsab moħbija fihom u s-Sur Cassar Pullicino b'sengħa ta' mgħallem, uriena dak il-għerf bla miktub mistur fost il-qwiel u l-ħrejjef qodma.

Għoġobna kif l-awtur qassam ix-xogħol tiegħu f'seba' ishma u ġabar f'taqsimiet għalihom dawk il-ħwejjeġ kollha li jaqblu jew li għandhom x'jaqsmu, bejniethom u ma ħallihomx jitħalltu flimkien.

L-aktar li laqatna hu l-mod li bih l-awtur daħal billi ta tifsira siewja fuq l-istudju tal-folklore u mbagħad mexa mas-suġġett billi beda mill-loghob u l-mogħdija taż-żmien tat-tfal u baqa' sejjer jikteb fuq il-ħaġa moħġaġa, tkellem fuq is-seħer u l-magħmul, għadda għal-leġġendi u ġrajja tal-qedem u għalaq fuq il-fejqan u t-titbib tan-nies tar-rħula. B'hekk wera kif il-folklore iħaddan ċirkustanzi fuq il-ħajja tal-bniedem kollha, mit-twelid sa l-aħħar nifs.

Xtaqna li kieku l-awtur mess u kiteb xi ftit aktar fit-tul fuq ir-rabta jew ix-xebh li biċċa mill-folklore tagħna, għandu ma' folklore ta' pajjiżi oħra, għax kif qal R.G. Smith, fil-ktieb "Ancient Tales And Folklore

of Japan", bosta mill-ħrejjef li jingħadu fil-pajjiżi mxerrdin mad-dinja, jaqblu flimkien fil-motiv ewlieni tagħhom. S. Bogg fil-ktieb tiegħu "Index of Spanish Folktales", isemmi wkoll fuq kemm jaqblu bejniethom xi ħrejjef u qwiel li jinstemgħu minn popli ta' artijiet imbegħdin ħafna minn xulxin.

L-aħjar taqsima, kif nifhimha jien, hija dik li fiha l-awtur jikteb fuq il-mediċina folkloristika. Sa fejn naf jien s'issa għadu ħadd ma mess fuq din il-mediċina popolari Maltija u għaldaqshekk l-awtur ħaqqu kull tifħir. Xtaqna li hu semma aktar fit-tul fuq din il-ħaġa ta' tagħlim u ta' fejda kbira, għax jekk dawk l-irmedji li jinqdew bihom fl-irħula, wieħed joqgħod jiflihom sewwa, għandu jsib li mhux kollha taċ-ċajt. Innies tagħna raħlin, l-aktar in-nisa, dejjem issibhom imhejjin biex igħidulek x'għandek tagħmel f'kull mard jew deni li jista' jaqa' fuqek u jekk wieħed ifittex tajjeb, isib ħafna xi jgħid. Hekk is-Sur Cassar Pullicino ma semma xejn fuq id-drawwa li jagħtu l-imgħolli ta' l-egħruq tar-rummien (Punica granatum) lil min jimrad bid-Diżinterija, marda mexxejja ħafna f'Malta, u anqas ma qal fuq l-imgħolli ta' l-imżiewet tax-xuxa tal-qamħirrum (Zea mays) għal min ibati bil-ħaġra fil-kliewi jew rinella u anqas ukoll ma kiteb fuq id-drawwa li għandhom xi nisa ta' l-irħula li lil min jieħu xi qatgħa, jixħtulu għal għarrieda ponn melħ f'wiċċu biex jagħtuh qatgħa oħra bil-fehma li t-tieni qatgħa tkeċċi lil ta' l-ewwel!

Imma skond l-isem ta' dan il-ktieb: "Introduction to Maltese Folklore", l-awtur din id-darba kellu ħsieb jiftaħ ġabra ta' studju fuq il-folklore. Nittamaw li 'l quddiem hu jkollu żmien biex jikteb aktar fit-tul u bir-reqqa fuq dan il-għerf bla miktub tal-Maltin u għalhekk nixtiequ nifirħulu ta' dan ix-xogħol u nagħmlulu l-ħila biex jissokta f'din it-triq ta' fejda li qabad.

G.

**"VILLA MEYLAK"**—ta' Mary Meylak. Salesian Press, Malta, 1947, paġ. 108.

Il-kotra tal-qarrejja Maltin tħobb u tgħożż lil Mary Meylak għax hi sinċiera u lieżma fil-kitba tagħha, imma barra dan, jien inħoss ġibda lejn ix-xogħlijiet tagħha għall-oriġinalità li fihom u dan l-aħħar ktieb li issa ħarġet isaħħaħ u jwettaq il-fehma tiegħi dwar din il-poetessa mill-Gżira ta' Kalipso.

F'dan il-ktieb Mary Meylak inqdiet bi ħsieb tassew ħleju u oriġinali biex tagħti għamla u xxandar ma' l-erbat irjieħ, il-ħrara għall-ġmiel, ix-xejra għas-sewwa u l-imħabba għall-ħolqien li jfawru fil-qalb tagħha. Fil-fantasija tagħha l-poetessa fasslet u sawret villa ta' seħer li jgħaxxaq u fiha ġabret u ħawlet l-isbaħ siġar, l-oħla ward u l-egħżeż nies u xbihat; għaqqdet kollox flimkien u nisġet dehra ta' hena u ta' ġmiel li jnissu l-ħemm ta' din l-art u jieħdu l-qarrej f'dinja oħra, dinja ta' għaxqa, dinja ta' faraġ, dinja ta' sħarijiet.

Haġa sabieħa hi kif il-poetessa rnexxielha tiġbor ġewwa l-ħitan tal-villa saħħarija tagħha dawk il-ħlejjaq kollha u dawk il-ħwejjeġ kollha, imma fuq kollox hi ħaġa tal-għaġeb kif hi għarfet tagħti bixra poetika lil

kollox, imqar lill-aktar ħwejjeġ komuni, bħal, ngħidu aħna, il-"*Hawt*", il-"*Kanali*", il-"*Pinnur*" u "*L-għajn tax-Xorb*", li wieħed isib fil-ġonna pubbliċi kollha. Haġa oħra li laqtitni hi kif hi waslet biex tagħti għamla ċerriħija u bosta drabi ħelwa, lil xi nsetti li għal isimhom biss tħossok tiddejjaq; hekk lid-"*Dubbiena*", lill-"*Qanfud*", lill-"*Wirdiena*", lin-"*Nemus*" hi pinġiethom taħt għamla li tqanqal tbissima u mhux dieqa. Wieħed ma jistax ma jitbissimx meta jaqra dawn l-erba' versi fuq il-"*Wirdiena*":

*"Inti r-rażna tagħna n-nisa,*
*Inti biss sibt tarf ta' lsienna*
*Għax nitbikkmu, msarna jinżlu*
*Kull fejn nilmħu xi Wirdiena!"*

Li l-poetessa għandha fantasija qawwija konna nafuh, iżda qatt ma bsarna li hi għandha dik il-ħażna ta' idijat kollha f'moħħha, u xhieda ta' dan hi kif jirnexxilha toħroġ sura poetika għal kull xitla, għal kull siġra, għal kull warda u għal kull frotta li wieħed jista' jġib quddiem għajnejh, u kull sura għandha l-qawwa, il-lehma u l-ħlewwa tagħha għaliha u bla ma tixbah lill-oħra. Dawn il-għamliet poetiċi huma mżewqin bi ħsebijiet għoljin u b'iċċijat li jsaħħru. Araw dawn it-tliet versi kemm huma sbieħ:

*"U xħin taħt siġra noqgħod,*
*Bħal borra nieżla żżerżaq,*
*Iż-żah'r jitfarfar fuqi,"*

"Larinġ biż-Zahar".

Aqraw ukoll dawn l-erba' versi fuq ir-"*Rummiena*" u taraw x'qawwa ta' immaġinazzjoni fihom:

*"Int il-kaxxa tal-ġojjelli,*
*Kaxxaforti bir-rubini*
*Imgeżwrin ġol-kartistrazzi,*
*Homor, sbieħ, ileqqu u fini".*

U jekk trid tistħajjel xena inġenjuża ta' ġmiel li jgħaxxaq il-għajnejn, aqra dawn il-versi fuq "*Stefanotis*":

*Min jaf jien kemm pinġejtkom*
*Xi linfi b'ħames brazzi,*
*Ġo nofs l-isbaħ palazzi*
*Fis-swali tal-fatati,*
*Linef li flok dawl jagħtu*
*Ixerrdu l-oħla fwieħa..."*

Imma Mary Meylak l-aktar li għoliet fil-bidu tal-ktieb tagħha fejn hi ħatret lil Madonna bħala "*Is-sinjura tal-Villa*" u għannitilha bil-ħrara ta' qalba kollha u xebbhitha lill-isbaħ disa' wardiet tal- ħolqien lil din is-Sultana li:

*"Ward u għana,*
*Minn kull naħa magħha jdur*
*U hija wieqfa fuq kolonna,*
*Xemx ta' xbejba, wiċċ is-sema,*
*Statwa mdaqqsa tal-Madonna."*

Kien hemm min qal li Mary Meylak xi drabi tonqos mit-teknika fil-bini tal-versi u ġie li tkun ftit iebsa fir-ritmu, iżda żgur li ħadd daqsha ma jaf ilaqqa' r-rimi u l-armonija: ara l-poeżija fuq id-"*Dalja*": fiha 24 vers kollha msenslin fuq rima waħda. Iżda hi taf tikteb tqil ukoll meta trid. Nagħmel imħatra li min ma jafx il-Malti tajjeb ma jkollux ħila jirreċita l-poeżija fuq il-"*Hawħa*".

Il-ktieb fih fuq il-mitejn poeżija kollha ħfief, ċari u mexxejja, jinqraw bil-pjaċir u jħallu sens ta' faraġ u serħan fil-qalb tal-qarrej. Il-biċċa l-kbira tal-poeżijiet huma mibnijin fuq sitt strofi kwaterinarji li wieħed jaqrahom waħda wara l-oħra bil-ħeffa u bla ma jinduna kemm ikun qara; għax malli l-qarrej jaqbad dan il-ktieb f'idu, iħoss bħal għoġba u bħal ġibda lejn il-ħolqien u jiddakkar minn dik il-ħbubija li l-poetessa tħoss lejn għajrha; ħbubija li hi fissret tajjeb meta għanniet fuq il-mistednin li għoġobha tlaqqa' għal "*Garden Party*" fil-villa fantastika tagħha!

G

**IL-KOTBA MQADDSA BIL-MALTI**—"Ktieb Tobijja" maqlub mill-Grieg u mfisser minn Dun P. P. Saydon—"Għaqda ta' Qari Tajjeb" 1947. pp. VII + 24.

Dan hu t-tnax-il ktieb tal-Bibbja bil-Malti, ta' importanza kbira. Il-ktib hu mqassam nistgħu ngħidu fi tlieta: Dħul, Test bil-Malti, Noti.

Fid-"Dħul" il-Professur jitħaddet fuq Isem il-Ktieb, is-Suġġett, Jekk hux storja jew le, meta nkiteb il-ktieb, Test oriġinali u traduzzjonijiet, Tagħlim. Il-ktieb jirrakkuntalna storja tal-Familja Tobijja mkaxkra fil-jasar minn Salmanasar V, sultan ta' Assur, fil-Belt ta' Ninive. Hawn Tobijja baqa' josserva l-Liġi t'Alla u jgħin lil għajru f'kulma kellu bżonn. Alla jippremjah, wara li jippruvah. It-Tagħlima ta' dan il-ktieb, imsaħħa bl-eżempju ħaj tal-protagonista hi ta' fejda li ma bħalha għaż-żmenijiet tal-lum.

Fl-introduzzjoni, il-Professur igħidilna li "t-test oriġinali tal-ktieb ta' Tobijja ntilef u ma nistgħux ingħidu jekk kienx miktub bil-Lhudi jew bl-Arami." Għalhekk il-ktieb waslilna bil-Latin u bil-Grieg; it-test maqlub fil-Malti hu t-test Grieg Sinajtiku, għax "il-forma li l-aktar li għandha bixra Lhudija u li għalhekk l-aktar li toqrob lejn l-oriġinal hi dik li naqraw fil-mss. grieg Sinajtiku" p. VII. It-test Latin li naqraw fil-Vulgata ma jaqbilx dejjem mat-test Grieg, għalhekk fin-noti t-traduttur semma fejn ma jaqblux (7, 12) u ma stmerrx li jitlaq il-Grieg biex jaqa' fuq it-test Grieg Vat. (13, 1). Dan kollu jfisser reqqa ta' xogħol!

Ma jidhrilniex li hemm bżonn wieħed jifli l-istil tal-kitba tal-Professur Saydon, li f'dan il-każ hi riżultat ta' żewġ kawżi, jiġifieri tat-test oriġinali li xi ftit jew wisq għandha tinħass fit-traduzzjoni, u ta' l-istil personali tat-traduttur, It-test oriġinali billi hu Lhudi joqrob ħafna lejn il-sienna u għalhekk il-Bibbja bil-Malti tibqa' żżomm il-bixra orjentali tagħha, ħaġa li tgħinna ħafna biex nidħlu fl-ispirtu ta' dawn il-kotba miktuba l-eluf ta' snin ilu fi żmenijiet għal kollox differenti minn tagħna.

Kulħadd għandu jikseb kopja ta' din il-biċċa xogħol letterarja ta' fejda li ma bħalha. D. K. S.

## RADD TA' ĦAJR

Is-Sur G. Sammut jixtieq irodd ħajr lis-Sinjuri li għoġobhom jiksbulu l-kopji warranin ta' "Il-Malti" msemmijin f'"Il-Malti" ta' Marzu, 1947, speċjalment lis-Sinjur li għoġbu jiksiblu *gratis* u mingħajr ma wera ismu, l-ewwel tliet kopji li xtaq jikseb.

JINBIEGH 1s.

Dirattur: Dr. Kav. Gużè Galea,
29, Sur Santa Barbara—Valletta.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

Ixtru u aqraw dawn il-kotba li jżejnu kull Librerija Maltija :—

"*Meta Nħaraq it-Tijatru*", ta' Ġużè Galea.

"*Wiċċ ta' Kristu*", ta' Dun Beneditt Axisa.

"*Min Iduq Ilmet in-Nil*", ta' Ivo Muscat-Azzopardi.

"*Villa Meylak*", ta' Mary Meylak.

"*Ktieb Tobija*", ta' Mons. Prof. Dun P. P. Saydon.

"*An Introduction to Maltese Folklore*", ta' Ġ. Cassar Pullicino.